# Baħar sħun banju



**F'dawn l-aħħar 30 sena t-temperatura tal-baħar żdiedet b'iktar minn grad celsius kważi f'kull xahar tas-sena. M'għandhiex tkun sorpriża jekk dan it-tibdil ikun ifisser żieda fl-għadd tal-bram u d-dħul ta' ħut ġdid fil-Mediterran. KURT SANSONE jirrapporta.**

Il-bijologa Adriana Vella

L-idrologu Marco Cremona

**Mhemm xejn aħjar milli tintefa' l-baħar biex tiffriska ftit mis-sħana li tqadded il-ġisem.**

Mhix biss is-sħana qalila li ħakmet din il-ġimgħa li ġġegħilna naħsbu li t-temperatura tad-dinja qed togħla. Hu fatt magħruf li t-temperaturi f'Malta bħall-bqija tad-dinja qed jiżdiedu iżda ftit nagħtu każsdwar dak li qed jiġri wkoll fil-baħar.

Analiżi li għamlet din il-gazzetta tat-temperatura tal-baħar kif imkejla mill-Uffiċċju Meteoroloġiku ta' l-Ajruport Internazzjonali turi li fuq medda ta' 30 sena mill-1978 lil hawn, it-temperatura medja tal-baħar għal kważi kull xahar żdiedet b'iktar minn grad celsius.

Bejn l-1978 u l-1987 it-temperatura medja f'Jannar kienet ta' 14.8 gradi celsius. Fl-10 snin ta' wara (1988-1997) it-temperatura medja f'Jannar telgħet għal 15.9 gradi celsius u bejn l-1998 u l-2006 reġgħet żdiedet għal 16-il grad celsius.

Ix-xhur li l-iktar li raw qabża 'l fuq kienu Ġunju u Lulju bil-medja tiżdied b'1.6 gradi celsius fuq 30 sena. Warajhom hemm Diċembru b'żieda fil-medja ta' 1.4 gradi celsius. Iż-żieda reġistrata f'Diċembru matul it-30 sena hi ta' ftit iktar minn tmienja fil-mija li jagħmlu l-iktar xahar li ra l-baħar jisħon.

Frar, Marzu u April raw l-inqas żieda b'0.5 grad celsius, 0.2 u 0.3 rispettivament.

Anki jekk it-temperatura li titkejjel mill-Uffiċċju Meteoroloġiku hi dik ta' wiċċ il-baħar, dawn iċ-ċifri ma jħallu l-ebda dubju li iktar ma' jmur il-baħar ta' madwarna qed jisħon.

Baħar iktar sħun jista' jkun iktar komdu biex tgħum fih iżda joħloq ukoll problemi ambjentali.

Skond l-idrologu Marco Cremona baħar li qed jisħon hu indikazzjoni li t-temperatura b'mod ġenerali wkoll qed togħla fuq bażi reġjonali. "Dan ifisser li se jkun hemm iktar enerġija fl-atmosfera li twassal għal tibdil fil-klima," isostni Cremona.

Hu jispjega li temperaturi iktar għoljin fil-Mediterran jistgħu jwasslu għal żieda fil-maltempati bil-konsegwenza li x-xita tibda tinżel fuq medda iqsar ta' żmien b'iktar qilla.

Cremona jgħid li l-fenomenu li kellna fil-bidu ta' Ġunju fejn niżlu 50mm ta' xita f'24 siegħa nistgħu nibdew narawh iseħħ iktar spiss.

"Il-problema hi li meta x-xita tinżel f'daqqa f'temp daqstant qasir se jkollok l-għelieqi li jinfaqgħu malajr u ħafna ilma jinħela fit-toroq. Peress li m'għandniex sistemi kif niġbru l-ilmijiet li jiġru mat-toroq meta tagħmel ix-xita l-ilma tal-pjan li minnu nieħdu wkoll ilma għax-xorb mhux qed jiżdied b'kemm hu mixtieq," jgħid l-espert ta' l-ilma.

Baħar iktar sħun ifisser ukoll li l-ilma jespandi u b'hekk jogħla l-livell. "Il-livell tal-baħar qed jiżdied madwar id-dinja minħabba żewġ fatturi. L-ewwel għax qed idub is-silġ fil-poli tad-dinja minħabba l-effett serra. It-tieni fattur hu baħar iktar sħun li jespandi b'konsegwenza li jogħla l-livell. Fil-każ ta' Malta jekk jogħla l-livell tal-baħar ħafna mill-ħażniet ta' l-ilma li għandna taħt l-art li diġà qed jitmellħu minħabba raġunijiet oħra jkomplu jitmellħu għax jitħallat l-ilma baħar magħhom. B'hekk il-pajjiż isir iktar dipendenti fuq ir-reverse osmosis għall-produzzjoni ta' l-ilma," isostni Cremona.

Livell iktar għoli ta' baħar jista' jolqot ħażin ukoll ċerti żoni fejn jgħixu l-ħut. Skond il-bijologa Adriana Vella li tispeċjalizza fil-konservazzjoni ta' l-ambjent marittimu żoni ekoloġiċi importanti li fihom jieklu, jistrieħu jew jitgħammru l-ħut bħall-ħluq tax-xmajjar u għadajjar mal-kosta jistgħu jintilfu minħabba livell ogħla tal-baħar.

Dan ikollu impatt ħażin fuq il-popolazzjoni ta' wħud mill-ispeċi tal-ħut bħall-inċova u s-sallura.

Vella tgħid li baħar iktar sħun jista' jkollu impatt negattiv fuq il-produzzjoni tal-plankton li huma organiżmi mikroskopiċi li jservu ta' ikel għal xi ħut u ż-żgħar tagħhom.

"Jekk nassumu li r-reġjun kollu tal-Mediterran se jesperjenza inqas xita u tiżdied l-evaporazzjoni, l-imluħa ta' l-ilma baħar se tkompli tiżdied u dan jista' jħawwad l-ekoloġija fiż-żoni ta' max-xtut," issostni Vella.

Apparti dan klima iktar sħuna tista' tbiddel il-kurrenti tal-baħar minn kif nafuhom illum u speċi ta' ħut bħat-tonn jistgħu jinbidlulhom ir-rotot tal-migrazzjoni.

L-impatt ta' baħar iktar sħun jinħass ukoll mill-qroll. Meta l-kulur tal-qroll jinbidel minn aħmar għal abjad ikun ifisser nuqqas ta' alka li fuqu jgħix il-qroll. Jekk in-nuqqas ta' alka minħabba temperaturi iktar għoljin idum għaddej il-qroll jista' jmut.

Xjenzati jsostnu li l-bilanċ ekoloġiku li għandna llum jista' jinbidel minħabba l-bidla fil-klima.

Jistgħu jiddgħajfu ċerti speċi ta' ħut u pjanti u jissaħħu oħrajn biex jinħoloq bilanċ ġdid. Iżda ħadd ma jista' jagħti garanzija li l-ispeċi l-ġodda li jkunu favoriti fil-bilanċ il-ġdid jistgħu jkunu sfruttati mill-bniedem.

"Jista' jagħti l-każ li l-bilanċ il-ġdid ikun ifisser żieda fil-bram li l-bniedem ma jikolx," tispjega l-bijologa.

Anki jekk it-tniġġis tal-baħar ma jaħtix għaż-żieda fit-temperatura tal-baħar, Vella ssostni li l-effett negattiv tat-tniġġis jista' jinħass iktar jekk il-baħar ikompli jisħon.

"Il-bidla fil-klima se tkompli tkabbar il-problemi li l-bniedem qed joħloq b'idejh minħabba sajd żejjed, attività turistika max-xtajta u l-bini ta' diegi max-xmajjar li jnaqqsu d-dħul ta' ilma iktar kiesaħ u ħelu fil-baħar," tgħid Vella.

Forsi l-baħar sħun se jkun iktar komdu biex tgħum fih fix-xitwa iżda dan ma jaħbix il-fatt li l-ħajja fl-ibħra ta' madwarna hi taħt theddida minħabba l-bidla fil-klima.



## Infestazzjoni ta' bram

F'dawn l-aħħar sjuf donnu sar iktar komuni li fil-bajjiet tagħna jkun hemm infestazzjonijiet ta' bram.

Ir-raġunijiet għal dan jistgħu jkunu varji fosthom in-nuqqas ta' kontroll naturali minħabba l-popolazzjoni dejjem tonqos ta' fkieren li jieklu l-bram.

Iżda f'dan iċ-ċiklu tal-ħajja tista' tkun qed tilgħab parti importanti t-temperatura tal-baħar. Kif tispjega l-bijologa Adriana Vella, baħar iktar sħun jista' joħloq tibdil fil-bilanċ ekoloġiku u dan ikun ifisser li ċerti speċi ta' ħut u organiżmi jiddgħajfu u oħrajn jissaħħu.

Xjenzati jsostnu li m'hemm l-ebda garanzija li l-bilanċ il-ġdid fin-natura se jkun ifisser li jissaħħu biss dawk l-ispeċi li l-bniedem jista' jisfrutta għall-ikel u użu ieħor kummerċjali u għalhekk jista' jkun li temperaturi iktar għoljin iwasslu għal żieda fil-popolazzjoni tal-bram li l-bniedem ma tantx jieħu gost bihom.

| Jannar | Frar | Marzu | April | Mejju | Ġunju |
|---|---|---|---|---|---|
| 16°c 1998-2006 | 15°c 1998-2006 | 15.2°c 1998-2006 | 16.1°c 1998-2006 | 18.5°c 1998-2006 | 22.4°c 1998-2006 |
| ↑ | ↑ | ↑ | ↑ | ↑ | ↑ |
| 14.8°c 1978-1987 | 14.5°c 1978-1987 | 15°c 1978-1987 | 15.8°c 1978-1987 | 17.3°c 1978-1987 | 20.8°c 1978-1987 |

| Lulju | Awissu | Settembru | Ottubru | Novembru | Diċembru |
|---|---|---|---|---|---|
| 25.5°c 1998-2006 | 26.4°c 1998-2006 | 25.8°c 1998-2006 | 23.8°c 1998-2006 | 21.4°c 1998-2006 | 18.3°c 1998-2006 |
| ↑ | ↑ | ↑ | ↑ | ↑ | ↑ |
| 23.9°c 1978-1987 | 25.1°c 1978-1987 | 24.6°c 1978-1987 | 22.5°c 1978-1987 | 20.1°c 1978-1987 | 16.9°c 1978-1987 |